Nru./No. 21,615
Prezz/Price
€0.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 1 ta' April, 2026
Wednesday, 1st April, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3869 - 3872
Government Notices ..... *3869 - 3872*

Avviżi tal-Pulizija 3873
Police Notices *3873*

Avviżi tal-Qorti ..... 3873 - 3876
Court Notices ..... *3873 - 3876*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 505

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Erbgħa, l-1 ta' April, 2026, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 500 tat-30 ta' Marzu, 2026, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-1 ta' April, 2026
(OPM/19/2022)

GOVERNMENT NOTICES

No. 505

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Wednesday, 1st April, 2026, and that the arrangements made by Government Notice No. 500 of 30th March, 2026, ceased to have effect accordingly.

1st April, 2026

Nru. 506

KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva t-tiġdid tal-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn ta':

Sladden, Dott. Sandra – b'seħħ mill-4 ta' Mejju, 2026.

L-1 ta' April, 2026
(MJCL/67/2017/1)

No. 506

COMMISSIONERS FOR JUSTICE (CAP. 291)

IT is being notified for general information that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister approved the renewal of appointment as Commissioner for Justice for a period of two years of:

Sladden, Dr Sandra – from the 4th May, 2026.

1st April, 2026

Nru. 507

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490), ġiet approvata l-ħatra bħala Assistent fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif ġej:

Elenku Fiskali
Dott. Carlos Bugeja
Dott. Victoria Cuschieri

għal perjodu ta' erba' (4) snin mill-21 ta' Frar, 2026

L-1 ta' April, 2026
MJHA 166/2008/IV

No. 507

ADMINISTRATIVE JUSTICE ACT (CAP. 490)

Panels on the Administrative Review Tribunal

IT is notified that in terms of the Administrative Justice Act (Cap. 490), the appointment as Assistant within the Administrative Review Tribunal was approved as follows:

Fiscal Panel
Dr Carlos Bugeja
Dr Victoria Cuschieri

for a period of four (4) years from the 21st February, 2026

1st April, 2026

Nru. 508

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Noti ta' Spjegazzjoni
(għall-finijiet tal-Artikolu 3 (2) (ċ) tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

1. Introduzzjoni

Titolu tar-regolamenti	Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Logħob
Attività li għandha tiġi regolata	Taxxa fuq il-logħob
Entità responsabbli	Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (hawn aktar 'il quddiem imsejħa l -"Awtorità")

2. Taqsira u l-isfond

L-Awtorità qiegħda temenda r-Regolamenti dwar it-Taxxa fuq il-Logħob (L.S. 583.10) sabiex jiġu strutturati mill-ġdid it-taxxi fuq il-logħob li huma pagabbli lill-Awtorità mill-persuni awtorizzati tagħha, irrispettivament minn jekk joperawx fond għal-logħob jew jipprovdux servizzi ta' logħob minn distanza, meta joffru s-servizzi tal-logħob tagħhom li huma ekwivalenti għal attività kwalifikanti lil kwalunkwe ġugaturi li huma fiżikament preżenti f' Malta.

B'żieda ma' dan ta' hawn fuq, dazju fuq servizzi ta' xandir fi studjos, li huma pprovduti minn persuni awtorizzati li jipprovdu provvista kritika ta' logħob, għandha tiżdied ukoll u għandha tibqa' titħallas fuq bażi annwali.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti emendatorji huma magħmula minn disa' (9) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

1. Titolu u bidu fis-seħħ.
2. Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.
3. Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.
4. Jissostitwixxi l-intestatura tat-Taqsima III tar-regolamenti prinċipali.
5. Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.
6. Iħassar ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.
7. Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.
8. Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.
9. Iħassar it-Taqsima VII tar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Il-bidliet prinċipali introdotti bir-regolamenti emendatorji huma kif ġej:

a. Konfigurazzjoni mill-ġdid tat-taxxa fuq il-logħob li għandha titħallas kemm minn persuni awtorizzati li joperaw fondi tal-logħob kif ukoll minn persuni awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi ta' logħob minn distanza li jikkostitwixxi attività kwalifikanti offruta lil kwalunkwe ġugatur li jkun fiżikament preżenti f 'Malta fiż-żmien meta jiġi provdut is-servizz tal-logħob taħt ir-regolament 3. Il-kunċetti attwali ta' taxxa fuq il-logħob u d-dazji fuq apparat tal-logħob għandhom jiġu amalgamati f'taxxa waħda unika fuq il-logħob, li għandha tkun strutturata skont it-tip ta' logħob awtorizzat, jew jekk is-servizz huwiex offrut permezz ta' fond ikkontrollat għal-logħob, jew bħala junket jew bħala avveniment junket.

b. Għandu jiżdied ukoll dazju fuq servizzi tax-xandir minn ġewwa studjos li huma pprovduti minn operaturi li huma awtorizzati sabiex jipprovdu provvista kritika tal-logħob. Dan id-dazju, li huwa enfasizzat fit-Taqsima III tar-regolamenti prinċipali, għandu jitħallas fuq bażi annwali.

ċ. It-Taqsima VII tar-Regolamenti tat-taxxa kurrenti għandha titħassar peress li issa ma għadhiex tapplika.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Ir-regolamenti emendatorji għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2026.

Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma għandhomx jinftiehmu bħala linji gwida, spjegazzjonijiet jew struzzjonijiet relatati mar-Regolamenti dwar it-Taxxa fuq il-Logħob.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

Dr Zachary Sciberras
Manager – Legal and Enforcement
Malta Gaming Authority

Indirizz elettroniku: info@mga.org.mt
Mobile: +356 25469000

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv tiegħu. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma jippretendux li huma deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

L-1 ta' April, 2026

No. 508

MINISTRY FOR FINANCE

Explanatory Notes
(for the purposes of article 3(2)(c) of Chapter 512 of the Laws of Malta)

1. Introduction

Title of regulations	Gaming Tax (Amendment) Regulations, 2026
Activity to be regulated	Gaming tax
Responsible entity	Malta Gaming Authority (hereinafter referred to as the "Authority")

2. Summary and background

The Authority is amending the Gaming Tax Regulations (S.L. 583.10) to re-structure the gaming taxes that are payable to the Authority by its authorised persons, regardless of whether they are operating a gaming premises or provide remote gaming services, when they offer their gaming services that are tantamount to qualifying activity to any players that are physically present in Malta.

Further to the above, a levy on broadcasting services in studios, that are provided by authorised persons that provide a critical gaming supply, shall also be increased and shall continue to be charged on an annual basis.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations are made up of nine (9) regulations and consist of the following:

1. Citation and commencement.

2. Amends regulation 2 of the principal regulations.

3. Substitutes regulation 3 of the principal regulations.

4. Substitutes the heading of Part III of the principal regulations.

5. Substitutes regulation 4 of the principal regulations.

6. Deletes regulation 5 of the principal regulations.

7. Amends regulation 6 of the principal regulations.

8. Amends regulation 8 of the principal regulations.

9. Deletes Part VII of the principal regulations.

4. Commentary

The principal changes introduced by the amending regulations are as follows:

a. The re-configuration of the gaming tax payable by both operators of gaming premises and remote gaming operators that offer a gaming service that constitutes a qualifying activity offered to any player who is physically present in Malta at the time when the gaming service is provided under regulation 3. The current concepts of gaming tax and the levy on gaming devices shall be amalgamated into one, singular gaming tax, which shall be structured according to authorised game type, or whether the service is offered through a controlled gaming premises, or as a junket or junket event.

b. A levy on broadcasting services from studios that are provided by critical gaming supply providers shall also be increased. This levy, which is highlighted in Part III of the principal regulations, shall be charged on an annual basis.

c. Part VII of the current Gaming Tax Regulations shall be deleted since it is now obsolete.

5. Concluding sections

The amending regulations shall come into force on 1st October 2026.

These Explanatory Notes shall not be construed as guidelines, explanations or instructions relating to the Gaming Tax Regulations.

For further information please contact:

Dr Zachary Sciberras
Manager – Legal and Enforcement
Malta Gaming Authority

Email: info@mga.org.mt
Mobile: +356 25469000

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

1st April, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 79

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mosta

Nhar il-Ġimgħa, 3 ta' April, 2026, mis-7.30 a.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Birgu

Nhar il-Ħadd, 5 ta' April, 2026, mill-5.00 a.m. sal-11.00 p.m., minn Triq Desain, Triq il-Kardinal Prospero Grech u Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat mit-8.30 a.m. sas-7.00 p.m.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar is-Sibt, 2 ta' Mejju, 2026, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq ir-Repubblika, Triq Palma, Triq Sir Adrian Dingli, Triq il-Karità, it-Telgħa tal-Belt, Triq il-Kastell, Triq Mons. Lwiġi Vella u Pjazza Savina.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-1 ta' April, 2026

POLICE NOTICE

No. 79

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Mosta

On Friday, 3rd April, 2026, from 7.30 a.m. to 11.30 p.m., through Triq il-Knisja.

Public transport will not be affected.

Vittoriosa

On Sunday, 5th April, 2026, from 5.00 a.m. to 11.00 p.m., through Triq Desain, Triq il-Kardinal Prospero Grech and Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras.

Public transport will be affected from 8.30 a.m. to 7.00 p.m.

Victoria, Gozo

On Saturday, 2nd May, 2026, from 5.00 p.m. onwards, through Triq ir-Repubblika, Triq Palma, Triq Sir Adrian Dingli, Triq il-Karità, it-Telgħa tal-Belt, Triq il-Kastell, Triq Mons. Lwiġi Vella and Pjazza Savina.

Public transport may be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

1st April, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

873

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-20 ta' Frar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2949/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Michelle Bartolo Dimech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Michelle Bartolo Dimech a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 20th February, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2949/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Michelle Bartolo Dimech the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Michelle Bartolo Dimech in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 22 ta' Awwissu, 2024

Lil: Michelle Bartolo Dimech (KI 164288M) ta' 219, Orchidea, Fl. 1, Triq il-Ħtajriet, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €665.25, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000105054 ossija dwar il-fond bl-indirizz 55, GGE 4, Triq it-Tuffieħ, In-Naxxar.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum s-27 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 22nd August, 2024

To: Michelle Bartolo Dimech (ID 164288M) of 219, Orchidea, Fl. 1, Triq il-Ħtajriet, Mosta

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €665.25, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 411000105054 regarding the premises with address 55, GGE 4, Triq it-Tuffieħ, Naxxar.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

874

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Frar, 2026, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1236/2024, fl-ismijiet Registratur Qrati Ċivili u Tribunali vs Sultana Joseph Louis née Sultana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Sultana Joseph Olouis née Sultana a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

By means of a decree of the 20th February, 2026, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1236/2024, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs Sultana Joseph Louis née Sultana, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Sultana Joseph Louis née Sultana in terms of Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Illum 13 ta' Marzu, 2024

Lil: Sultana Joseph Louis née Sultana ta' 20, Apt 1, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €1,758.12 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru inkonnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

Sultana Joseph vs Sultana Anna Maria sive Ana (TA) Ċeduta fis-16 ta' Jannar, 2024

Tista' wkoll tħallas online billi tidħol fis-sit (ecourts.gov.mt) u tagħżel il-link 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 27 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 13th March, 2024

To: Sultana Joseph Louis née Sultana of 20, Apt 1, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien

By the present the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Republic Street, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial letter you pay the sum of €1,758.12 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Sultana Joseph vs Sultana Anna Maria sive Ana (TA) withdrawn on the 16th January 2024

You can also pay online by accessing the website (ecourts.gov.mt) and choose the link 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). In default the applicant reserves the right to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance

With costs

Registry of the Superior Courts, today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

875

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' Jannar, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

BNF Bank plc gja Banif Bank (Malta) plc (C41030) ta' 203, Level 2, Triq D'Argens, Il-Gżira, Malta, ippreżentaw Talba, fil-21 ta' April, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jean Claude Azzopardi (KI 220294M) ta' 222, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €5,595.68, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż numru 99/2025GT) hija differita għall-14 ta' April, 2026, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 13th January, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C41030) of 203, Level 2, Triq D'Argens, Gżira, Malta, filed a Claim on the 21st April, 2025, whereby they asked the Tribunal to condemn Jean Claude Azzopardi (ID 220294M) of 222, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke, to pay the plaintiff company the sum of €5,595.68, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim number 99/2025GT) is deferred on the 14th April, 2026, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

876

B'digriet mogħti fil-27 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 284/2026 ippreżentat min-Nutar Dott. Carmel Gafà, fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' testment sigriet ta' Paul Chetcuti Caruana (KI 910148M), bin il-mejtin Carmel Chetcuti u Carmela Chetcuti née Caruana, imwieled il-Mosta, Malta, residenti l-Mosta, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fl-14 ta' Jannar, 2026, ta' 77 sena.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar it-Tlieta, 21 ta' April, 2026, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu (8.30 a.m.) quddiem l-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LLD, il-Qorti, il-Belt Valletta, taħt il-Ministeru tan-Nutar Dott. Carmel Gafà.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 27 ta' Marzu, 2026

ANGELA GATT
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 27th of March, 2026, by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on application number 284/2026 filed by Notary Dr Carmelo Gafà, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Paul Chetcuti Caruana (ID 910148M), son of the late Carmel Chetcuti and Carmela Chetcuti née Caruana, born in Mosta, Malta, resided in Mosta, Malta, and died in Msida, Malta, on the 14th of January, 2026, aged 77 years.

The opening and publication are going to be held on Tuesday, 21st April, 2026, at eight and a half in the morning (8.30 a.m.) presided by the Hon. Judge Consuelo Scerri Herrera LLD, at the Law Courts, Valletta, under the ministry of Notary Dr Carmel Gafà.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 27th March, 2026

ANGELA GATT
Deputy Registrar, for The Registrar Civil Courts and Tribunals

877

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Frar, 2026, Rikors numru 152/2026, minn Pierre Bonello et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Pierre Bonello u Helen Formosa née Bonello wlied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Inez Bonello née Delicata, armla ta' Giovanni Maria Bonello, bint il-mejtin Joseph Delicata u Pawla née Zammit, imwielda Birkirkara, Malta, kienet residenti Birkirkara, Malta u mietet l-Imsida, Malta fl-20 ta' Awwissu, 2025, ta' 82 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0015943M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 27 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th February, 2026, Application number 152/2026, by Pierre Bonello et whereby they requested that it be declared open in favour of Pierre Bonello and Helen Formosa née Bonello children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Inez Bonello née Delicata, widow of Giovanni Maria Bonello, daughter of the late Joseph Delicata and Pawla née Zammit, born in Birkirkara, Malta, resided in Birkirkara, Malta and died in Msida, Malta, on the 20th August, 2025, aged 82, and who held identity card number 0015943M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603